31999R0808

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 808/1999
tas-16 ta 'April 1999
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2148/96 f'dak li jirrigwardja l-Anness III

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3492/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jistabilixxi l-fatturi li għandhom jkunu kkunsidrati fil-kontijiet annwali għall-finanzjament tal-miżuri ta' l-intervent fil-forma ta' ħażna pubblika mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG), is-Sezzjoni tal-Garanzija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3492/90 jistabbilixxi l-prinċipji għad-dħul ta' ħażniet agrikoli fi ħażna ta' l-intervent pubbliku jiddaħħlu fil-kontijiet u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/96 [2] li jistabbilixxi r-regoli għall-evalutazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħażnien ta' l-intervent pubbliku ta' prodotti agrikoli;

Billi r-ross għandu jkun inkluż fir-Regolament (KEE) Nru 2148/96 li jistabbilixxi r-regoli għall-evalutazzjoni u l-monitoraġġ ta' ħaniet ta' l-intervent pubbliku ta' prodotti agrikoli;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat tal-FAEGG,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Punt III ta' l-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 2148/96 hu mibdul b'dan li ġej:

"III. III. ĊEREALI U ROSS

A. Proċedura tal-ispezzjoni fiżika

1. L-għażla tal-kaxex jew tal-imħażen li għandhom ikunu vverifikati, li jirrapreżentaw mill-inqas 5 % tal-kwantità totali taċ-ċereali jew ross fil-ħażna pubblika.

L-għażla għandha tkun ibbażata fuq ir-reġistri tal-ħażniet ta' l-aġenzija, imma dak li jieħu ħsieb il-maħżen m'għandhux ikun infurmat.

2. Spezzjoni fiżika:

— il-verifika tal-preżenza ta' ċereali jew tar-ross fil-kaxex jew fl-imħażen kif magħżula,

— l-identifikazzjoni taċ-ċereali jew tar-ross,

— il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-ħażna t-tqabbil tal-punt tal-ħażna u tal-identità taċ-ċereali jew tar-ross mar-reġistri tal-maħżen,

— l-evalwazzjoni tal-kwantitajiet maħżuna permezz ta' metodu preċedentament approvat mill-aġenzija ta' l-intervent, li d-deskrizzjoni tagħhom għandha tkun ippreżentata fl-uffiċju prinċipali.

3. Pjanta tal-maħżen u l-qisien ta' kull fossa jew maħżna għandha tkun disponibbli f'kull punt tal-ħażna.

Iċ-ċereali jew ir-ross għandhom jiġu maħżuna b'tali mod li l-volum tagħhom jkun jista' jiġi vverifikat.

B. Proċedura ta' meta jinstabu d-diskrepanzi

Tolleranza żgħira hi permissibli waqt il-kontroll tal-volum.

L-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu japplika meta l-piż tal-prodotti maħżuna kif irreġistrati matul l-ispezzjoni fiżika jkun differenti mill-piż tal-ktieb bi 5 % jew aktar għaċ-ċereali u 6 % jew aktar għar-ross fil-każ ta' ħażna fil-fosos jew maħżna fuq l-art.

Meta ċ-ċereali jew ir-ross ikunu maħżuna f'imħażen, il-kwantitajiet miżuna mad-dħul għall-ħażna jistgħu jkunu rreġistrati minflok dawk li jirriżultaw minn estimi tal-volum jekk dan ta' l-aħħar ma jipprovdix grad ta' eżattezza li jkun meqjus adekwat u d-differenenza bejn iż-żewġ figuri ma tkunx eċċessiva.

[1] ĠU L 337, ta' l-4.12.1990, p. 3.
[2] ĠU L 288, tad-9.11.1996, p. 6.

L-aġenzija ta' l-intervent għandha tagħmel użu minn din l-għażla meta tkun iġġustifikata b'ċirkostanzi, fuq il-bażi ta' każ b'każ u fuq ir-reponsabilita tagħha stess. Għandha tindika li tkun għamlet hekk fir-rapport tagħha.

(Kampjun indikattiv)

ĊEREALI U ROSS — ISPEZZJONI TAL-ĦAŻNA

Prodott:	Min jieħu ħsieb il-maħżen: Maħżen, fossa: Numru tal-kaxxa:	Data:
Lott:	Kwantità rreġistrata:	

A. Ħażniet fil-fossos

Maħżen Nru:	Volum nominali m^3 (A)	Il-volum liberu irrekordjat m^3 (B)	Il-voluma taċ-ċereali jew tar-ross maħżun m^3 (A-B)	Gravit´speċifika irrekordjata (kg/hl = 100)	Il-piż taċ-ċereali jew tar-ross

Total (A): .....

B. Ħazna ta' fuq l-art

	Maħżen Nru	Maħżen Nru	Maħżen Nru
Il-wesgħa koperta	..... m^2 } ..... m^3	..... m^2 } ..... m^3	..... m^2 } ..... m^3
Výška	..... m	..... m	..... m
Corrections:	..... m^3	..... m^3	..... m^3
Il-volum	..... m^3	..... m^3	..... m^3
Gravit´speċifika	..... kg/hl	..... kg/hl	..... kg/hl
Il-piż totali	..... tunnellati	..... tunnellati	..... tunnellati

Total (B): .....

Piż totali fil-maħżen: .....

Id-differenza mqabbla mal-piż irreġistrat: .....

Persentaġġ:. .....

..... , ...

L-ispettur ta' l-aġenzija ta' l-intervent

(Data u firma)"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni